# Triq il-Ġdida

## *Il-Ħâra (Ħô/ûra) d-Dejqa, It-Triq ta' l-Oratorju.*

**kitba ta' Pawlu Aquilina**

Fi tfuliti jew fis-snin tletinijiet, din it-Triq konna nsibuha bħala "**Il-Ħâra**(*djalett* : **ħô/ ûra**) **d-Dejqa**", fejn ħâra tfisser zona jew distrett kif ukoll triq. Fl-istess żmien konna nsibuha wkoll bħala **It-Triq ta' l-Oratorju**, imma uffiċjalment kienet issemmiet *Strada Nuova* - **Triq il-Ġdida**, billi xi darba din kienet tagħlaq - aktarx fejn tikser b'minkeb fin-nofs tagħha - u għalhekk meta nfetħet kienet saret triq ġdida. Illum dan l-isem ma jixirqilha xejn meta naraw il-ġmiel ta' għadd kbir ta' toroq ġodda li kabbru r-Raħal tagħna f'belt imdaqqsa ta' qrib it-8,000 ruħ!



Parti minn Triq il-Ġdida, min-naħa ta' l-Oratorju
Ritratt Ray Sant

Din it-triq tgħaqqad Triq il-Parroċċa ma' Triq San Ġakbu (jew bil-maqlub) u fit-tarf tagħha li jmiss ma' Triq San Ġakbu kienet tispiċċa b'għajn ta' l-ilma għall-pubbliku. Fis-snin tal-gwerra 1940-43, kien hemm ukoll xelter, li ma kien xejn għajr kantina, f'tarf it-triq li tmiss mal-kantuniera taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika.

Illum din it-triq saret arterja jew triq aktar importanti għal dawk kollha li joqogħdu n-naħa ta' Fuq taz-zona "Ta' Fonzu" u li jkunu jridu jimxu t-triq sal-Knisja u jsibu ruħhom fil-qalba tar-Raħal.

Togħġobni din it-triq u nieħu gost nimxiha fis-skiet, il-ġabra u l-hemda, bogħod mill-ħsejjes kollha u l-ġenn tat-traffiku tal-lum! Iddaħħalni fis-seħer tal-ħolm ta' tfuliti għax għad għandha mir-ruħ u mil-libsa ta' dari, ta' dak iż-żmien ta' sliem u ta' paċi!

Wieħed jifhem għala konna nsibuha wkoll bħala **It-Triq ta' l-Oratorju**,[1] billi meta dan inbena, bejn l-1913 u l-1915, kien sar binja importanti u ta' servizz reliġjuż għall-poplu. Għalina t-tfal kien il-post fejn kull nhar ta' Ħadd jew festa kkmandata konna ninġabru għall-quddiesa fis-6.00a.m., is-subien fuq naħa u l-bniet fuq l-oħra, fuq bankijiet sempliċi ta' l-injam u bla dahar. Kien iqaddsilna Dun Ġużepp Aquilina *Ta' Randa,* jew Dun Anton Vella u jieħdu ħsiebna s-soċji tal-M.U.S.E.U.M.

Bħalma ġieli għedt fil-kitbiet tiegħi, il-ġmiel tar-Raħal kien jinsab f'kull triq u f'kull sqaq li kellu billi dejjem kont issib fihom ħwienet u ħidmiet, bħal xi sengħa jew snajja', li barra li jsebbħuh kienu wkoll jagħtuh il-ħajja.

Kważi quddiem l-Oratorju, fid-dar li llum iġġib in-numru 4, kien joqgħod Dun Ġużepp

Delia, iz-ziju ta' Patri Ġużè Delia, u predikatur magħruf fil-Missjoni l-Kbira, kif kienet tissejjaħ l-Għaqda ta' Saċerdoti Predikaturi li kienet tieħu ħsieb iżżur il-parroċċi minn żmien għal żmien biex tagħmel kors ta' predikazzjoni u ta' spiritwalità. Ġieli wkoll marret barra minn Malta, bħal f'Tuneż u l-Alġier, biex tilħaq 'il dawk il-Maltin emigrati f'dawk l-artijiet.

F'din id-dar, wara li miet Dun Ġużepp Delia, kien mar joqgħod Rafel Pisani l-arluġġar u l-familja tiegħu, li qabel kienu joqogħdu fis-Sqaq Tal-Putes. Rafel kien xi neputi ta' Kalċidon Pisani, arluġġar ta' fama li minnu kien tħajjar jitgħallem is-sengħa l-famuż Mikelanġ Sapiano, mill-Imqabba[2]. Dan Mikelanġ baqa' jissemma għall-arloġġi tal-kampnari tal-knejjes, li minnhom ħadem madwar 21 wieħed, fosthom l-arloġġ tal-knisja parokkjali tagħna fl-1894, kif ukoll għal arloġġi kbar oħra Maltin.

Għalhekk din it-triq, minħabba l-arluġġar Rafel, li fi tfuliti kien l-uniku arluġġar fir-Raħal, kienet imfittxija ħafna għal xogħol jew aħjar tiswija ta' l-arloġġi.

Iżda barra mill-arluġġar it-Triq kienet popolari wkoll għal żewġt ifran: l-eqdem wieħed kien dak tal-familja ta' Pawlu Vassallo, *Ta' Kilin*. Dan kien fejn illum huwa numru 8[3].

Dan il-forn kien għalija bħal mekka bejnu u bejn id-dar tagħna billi ta' sikwit kont nitla' għandu minn Triq il-Kbira (Strada Rjali) b' xi wiżna tqiq jew aktar fuq spallejja biex nagħtihulu jagħmilhulna ħobż. Meta jintgħaġen, jinħabeż u jinħema kien iġibhulna d-dar fuq tavla permezz ta' karettun ta' l-idejn jew saħansitra fuq ir-ras, kemm Pawlu nnifsu kif ukoll zitu Karmni li kienet tgħinu l-ħin kollu fil-forn. Xi fwieħa ta' ħobż Malti kien fih!

Il-forn l-ieħor, aktar 'il ġewwa u kif tikser il-minkeb tat-Triq, kien dak ta' Toni Busuttil - "Toni tal-Forn". Dan kien forn mibni ġdid u kien ukoll popolari ħafna għat-tjubija tal-ħobż li jaħmi[4].



Dun Ġużepp Delia



Pawlu Vassallo



Toni Busuttil



Maria, mart Toni tal-Forn ma' Ġanni Bezzina, jaħbżu l-ħobż.



Dun Franġisk Cutajar

Ta' min jgħid li fil-festi, meta l-fran ma kinux jaħmu ħobż, kienu jaħmu dixxijiet ta' ikel bħal laħam u patata, imqarrun u ross għall-ikla ta' nofsinhar. Iżda qabel jaħmi dawn id-dixxijiet u qabel ma jkun sebaħ għal kollox kien jaħmi turtieri sħaħ ta' pastizzi magħmulin fid-djar, kemm għall-familji kif ukoll għall-ħwienet tal-kafè li kienu ftit!

F'din it-triq ukoll kien joqgħod is-Saċerdot Dun Franġisk Cutajar, *Tal-Qâbla,* fl-istess dar, illum numru 46, fejn toqgħod il-Familja ta' Dun Dione Cutajar, illum kappillan ta' H'Attard, billi Dun Franġisk kien jaħbat iz-ziju ta' Nikola Cutajar, missier Dun Dione. Dun Franġisk kien fi żmienu l-Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju u konfessur assidwu, mhux biss fil-knisja imma wkoll f'daru stess. Irġiel u żgħażagħ, kienu jfittxuh id-dar kull meta jeħtieġu jqerru u Dun Franġisk laqagħhom dejjem.

Ma' Dun Franġisk kien joqgħod ħuħ ġuvni, Wenzu, li kien miet bl-isplużjoni ta' waħda mill-bombi tal-ħin li kienu splodew qrib l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, fi Triq Santa Margerita fit-3 ta' Lulju 1942, bombi li b'kollox kienu qatlu għaxra min-nies. Wenzu kien wieħed mill-ħaddiema tad-*"Demolition"* li kienu qed jaħdmu qalb it-tiġrif tad-djar li waqgħu bil-bombi li ħadu qabel, hekk kif twaddbu matul il-lejl. Għadni naraħ jinġarr mejjet fuq streċer, deħlin bih il-Berġa, mill-Għassa tal-Pulizija (illum Dar Ommna Marija), fil-Pjazza.

Żmien qabel, quddiem id-dar ta' Dun Franġisk kien joqgħod Dun Ġużepp Buhagiar, *"Iż-Żibatur"* li ġa semmejna bħala l-promutur u benefattur kbir biex inbena l-Oratorju fl-istess Triq.



Rafel Pisani

Ġużeppi Muscat, *Il-Liebet,* u wara surmast tal-Każin tal-Banda Santa Marija tal-Qrendi kien ukoll joqgħod biswit id-dar ta' l-Arluġġar Rafel Pisani, qrib l-Oratorju.

Milli nifatakar dejjem u bil-għajnuna ta' oħrajn[5], f'din it-Triq kienu joqogħdu l-familji magħrufa b'dawn il-laqmijiet, nibda minn ħdejn l-Oratorju u fuq iż-żewġ naħat tat-triq: Ta' l-Arluġġar, Tal-Baloks, Tal-Liebet, Tal-Murtulla, Tal-Fanali, Taż-Żibatur, Tal-Qâbla, Tal-Klin, Tas-Sissu, Ta' Żejpu, Ta' Kilin, Ta' Manun, Tal-Gass, Tal-Parent, Tal-Ħixka, Ta' Pranza, Tal-Patri, In-Nigri, Tal-Mitqub, Tal-Putes, Tal-Kiesaħ, Ta' Kaspan, Tal-Bilblija. Naturalment kienu joqogħdu wkoll il-familji ta' Toni tal-Forn u ta' Pawlu tal-Forn.



*Dehra ta' Triq il-Ġdida, min-naħa ta' Triq San Ġakbu*
*Ritratt Ray Sant*

Din hija d-dehra li qlajtha mill-paġni tal-memorja biex inħalliha bħala pinzellata jew kwadru bil-kitba ta' dik it-Triq li fi tfuliti kulħadd kien jafha bid-djalett Siġġiewi: **"Il-Ħô/ûra d-Dejqa".**

[1] Kien inbena biz-zelu ta' Dun Ġużepp Buhagiar, *Iż-Żibatur*. L-isem uffiċjali li kien ingħata hu "L-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù" kif tixhed l-istatwa sabiħa li hemm fuq il-frontispizju tal-faċċata tiegħu, iżda maż-żmien, billi l-kwadru prinċipali tiegħu kien u għadu dak tas-Sagra

Familja, kienu jsibuh ukoll bħala "L-Oratorju tas-Sagra Familja."
Ara "Siġġiewi Album Nru 2 - L-Oratorju tas-Sagra Familja" ta' Dun Nikol Aquilina, li deher fil-ħarġa ta' "Is-Siġġiewi", Vol.1 Nru. 2, Settembru 1977.

[2] Twieled l-Imqabba fid-19 ta' Marzu 1826. Iżżewweġ u mar joqgħod Ħal Luqa fl-1847.Ara "Ħal Luqa - Niesha u Ġrajjietha" ta' Dun Ġużepp Micallef, paġni 261-263.

[3] Wara li waqaf Pawlu - "Pawlu tal-Forn" - kien għal xi snin kompla ibnu Stjanu jew Sebastjano Vassallo.

[4] Wara li miet Toni fl-1967, kompliet martu Marija. Warajha ħadu għal xi xhur Charlie Vassallo bin "Pawlu tal-Forn," imbagħad għalaq għal kollox.

[5] Giovanna Pisani u Agnes Busuttil.



*L-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq il-Ġdida*
*Ritratt Ray Sant*


# Għar Lapsi View

**Bar**
**Restaurant**
**Pizzeria**

*(Now under new Management)*

**Tel: 2164 0608 – 2168 0800**